



Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8207/26

LIMITE

CORLX 363
CFSP/PESC 528
RELEX 503
FIN 532
COEST 294

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta'
azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-
indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014
dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu
jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità
u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj>.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u afferma mill-ġdid li l-appoġġ persistenti tiegħu għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-isforzi sabiex tkompli tiġi limitata l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra jridu jkomplu. Huwa esprima wkoll ir-rieda tal-Unjoni li żżid il-perssjoni fuq ir-Russja, inkluż billi timponi aktar sanzjonijiet.
- (3) Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni persistenti tar-Russja kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari d-deportazzjoni illegali sistematika tagħha u t-trasferiment furzat ta' tfal Ukreni lejn il-Federazzjoni Russa u f'territorji okkupati temporanjament, kif ukoll l-adozzjoni furzata u l-edukazzjoni mill-ġdid tagħhom, li jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali u ksur tad-drittijiet fundamentali tat-tfal bl-għan li titħassar l-identità Ukrena u tiġi mminata l-preservazzjoni tal-ġenerazzjonijiet futuri tagħha, il-Kunsill iqis li huwa meħtieġ li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

- (4) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li 16-il persuna u 7 entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Article 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
"2032.	Lilya Valerievna SHVETSOVA Bir-Russu: Ли́лия Вале́рьевна ШВЕ́ЦОВА	Funzjoni: Kap tal-kamp "Qronfla Ħamra" (magħruf ukoll bħala Krasnaya Gvozdika jew Red Carnation) fil-belt okkupata ta' Berdyansk Data tat-twelid: 11.7.1984 Sess: mara Indirizz: Zaporizhia region, g. Melitopol, ul. Grizodubova 48, k. 28	Lilya Shvetsova hija l-Kap tal-kamp "Qronfla Ħamra", fergħa taċ-Ċentru Internazzjonali tat-Tfal "Artek", istituzzjoni edukattiva baġitarja tal-istat federali li topera fis-sistema edukattiva pubblika tal-Federazzjoni Russa fit-territorju okkupat temporanjament tal-Krimea. Fir-rwol tagħha bħala l-Kap tal-Kamp, Lilya Shvetsova tissorvelja l-funzjonament u l-programmazzjoni tal-kamp, inkluż attivitajiet immirati lejn it-tiswir tal-fehmiet politiċi u ideoloġiċi tat-tfal preżenti fil-faċilità, inkluż tfal Ukreni. Il-programm tal-kamp jinkludi attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ li jippromwovu narrattivi favur ir-Russja, messaġġi patrijottiċi, u elementi ta' struzzjoni militari-patrijottika. Għalhekk, Lilya Shvetsova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni, it-trasferiment furzat, l-assimilazzjoni furzata, inkluża l-indottrinazzjoni jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2033.	Elena Vasilievna ROMANOVSKAYA Bir-Russu: Елена Васильевна РОМАНОВСКАЯ	Funzjoni: Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Krimea - Ministru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali tar-Repubblika tal-Krimea, u membru tal-Kumitat Organizzattiv Federali ta' "Artek" Data tat-twelid: 5.3.1966 Post tat-twelid: Bakhchisarai district, Crimean region Nazjonalità: Russa u Ukrena Sess: mara NIT: 910221857002	Elena Romanovskaya hija l-Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Krimea u l-"Ministru għax-Xogħol u l-Protezzjoni Soċjali" tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Krimea, maħtura mill-awtoritajiet ta' okkupazzjoni Russi, u hija membru tal-Kumitat Organizzattiv Federali ta' Ċentru Internazzjonali tat-Tfal "Artek", istituzzjoni edukattiva baġitarja tal-istat federali li topera fis-sistema edukattiva pubblika tal-Federazzjoni Russa fit-territorju okkupaat temporanjament tal-Krimea. F'din il-kapaċità, hija spiss tiegħu sehem f'avvenimenti f'Artek, u tiżgura l-implimentazzjoni ta' programmi edukattivi u soċjali għaż-żgħażaġh. Taġixxi wkoll bħala l-punt ta' kollegament bejn l-amministrazzjoni tal-okkupazzjoni tal-Krimea u l-istituzzjonijiet tat-tfal fil-livell federali, inkluż billi tissorvelja d-distribuzzjoni ta' postijiet għat-tfal biex jattendu Artek u kampijiet oħra. Għalhekk, Elena Romanovskaya qed timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluża l-indottrinazzjoni jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2034.	<p>Andrey Pavlovich SABINOV</p> <p>Bir-Russu: Андрей Павлович САБИНОВ</p>	<p>Funzjoni: Deputat tad-Duma Reġjonali, li jissorvelja ċ-ċentru "Warrior" (magħruf ukoll bħala Voin Center) f'Kherson. Dan iċ-ċentru jippożizzjona lilu nnifsu bħala "ċentru għat-taħriġ fl-isport militari u l-edukazzjoni patrijottika taż-żgħażaġh."</p> <p>Data tat-twelid: 17.4.1975</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Andrey Sabinov huwa Deputat tal-hekk imsejħa "Duma Reġjonali" fir-reġjun okkupat temporanjament ta' Kherson, maħtur taħt l-amministrazzjoni tal-okkupazzjoni Russa, u l-kap ta' fergħa taċ-ċentru "Warrior" f'Kherson. Iċ-ċentru "Warrior" huwa organizzazzjoni taż-żgħażaġh immexxija mill-Istat Russu stabbilita fil-Federazzjoni Russa biex tippromwovi l-edukazzjoni patrijottika u militari fost iż-żgħażaġh. Tinvolve struzzjoni militari bi stil kadett, armi u taħriġ tattiku. Hija topera bl-appoġġ tal-President tal-Federazzjoni Russa, li ta struzzjonijiet liċ-ċentru Warrior biex jikkoopera mill-qrib mal-parteċipanti fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Andrey Sabinov jissorvelja u jippromwovi programmi mmirati lejn it-taħriġ ideoloġiku u paramilitari tal-minorenni, inkluż attivitajiet li jikkombinaw it-taħriġ fiżiku ma' messaġġi patrijottiċi favur ir-Russja.</p> <p>Għalhekk, Andrey Sabinov qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluża l-indottrinazzjoni, jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju..

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2035.	Aleksandra Aleksandrovna BONDAREVA Bir-Russu: Александра Александровна БОНДАРЕВА	Funzjoni: Ombudsman għad-Drittijiet tat-Tfal fl-Oblast ta' Astrakhan Data tat-twelid: 4.8.1968 Post tat-twelid: Astrakhan, RSFSR, USSR Nazjonalità: Russa Sess: mara NIT: 301702698650	Aleksandra Bondareva hija l-Ombudsman għad-Drittijiet tat-Tfal fl-Oblast ta' Astrakhan tal-Federazzjoni Russa, responsabbli għas-sorveljanza tal-benesseri tal-minorenni fir-reġjun. Fil-kapaċità uffiċjali tagħha, Bondareva kienet u għadha involuta fl-akkoljenza ta' tfal Ukreni trasferiti bil-forza minn territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna u t-tqegħid tagħhom f'familji Russi. Hija tikkordina mal-awtoritajiet reġjonali u l-korpi ta' tutela biex tipproċessa dawn it-trasferimenti. Għalhekk, Aleksandra Bondareva qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni u t-trasferiment furzat ta' minorenni Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju..

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2036.	Alevtina Vasilievna ANDREEVA Bir-Russu Алевтина Васильевна АНДРЕЕВА	Funzjoni: Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Murmansk Data tat-twelid: 6.3.1983 Post tat-twelid: Republic of Karelia RSFSR, USSR Nazjonalità: Russa Sess: mara Indirizz: Lenina Avenue 75, Murmansk 183006	Alevtina Andreeva hija l-Kummissarju għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Reġjun ta' Murmansk tal-Federazzjoni Russa u hija responsabbli għas-sorveljanza tal-politiki u l-istituzzjonijiet reġjonali li jikkonċernaw il-minorenni. F'din il-kapaċità, hija tappoġġa u tikkoordina l-akkoljenza, il-kollokament, l-edukazzjoni u l-"integrazzjoni" tat-tfal, inkluż minorenni trasferiti minn territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna, permezz ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-korpi ta' tutela. Hija tiffaċilita u tapprova programmi li jippromwovu r-riedukazzjoni ideoloġika, il-patrijottiżmu favur ir-Russja, il-lingwa Russa u n-narrattivi allinjati mal-politika tal-istat Russu, u b'hekk tikkontribwixxi għall-erożjoni tal-identità nazjonali Ukrena. Għalhekk, Alevtina Andreeva qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jinvolvu d-deportazzjoni jew it-trasferiment furzat u l-assimilazzjoni furzata, inkluża l-indottrinazzjoni ideoloġika ta' minorenni Ukreni minn territorji okkupati tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2037.	Alina Sergeevna NIKISHAEVA Bir-Russu: Алина Сергеевна НИКИШАЕВА	Funzjoni: Kap tal-klabb militari-patrijottiku ta' Simferopol "Battalion Forpost". Deputat kmandant tal-147 riġment ta' artillerija awtopropulsiva tal-Gwardja Simferopol tal-Forzi Armati Russi (unità militari 73966). Membru tal-partit Russja Magħquda Data tat-twelid: 21.11.2001 Nazjonalità: Russa u Ukrena Sess: mara	Alina Nikishaeva hija l-Kap tal-klabb militari patrijottiku Simferopol "Battalion Forpost," li jopera fit-territorju okkupat temporanjament tal-Krimea taħt inizjattivi tal-edukazzjoni patrijottika u taż-żgħażaġh appoġġati mill-istat Russu. Il-klabb jippromwovi l-patrijottiżmu favur ir-Russja u l-valuri militarizzati fost it-tfal u l-adolessenti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-indottrinazzjoni ideoloġika tal-minorenni, inkluż dawk minn territorji okkupati tal-Ukrajna. F'din il-kapaċità, Alina Nikishaeva tissorvelja attivitajiet li jipprovdu taħriġ militari patrijottiku u edukazzjoni ideoloġika lil minorenni, allinjati man-narrattivi u l-valuri tal-istat Russu. Il-klabb jipparteċipa fi proġetti ma' Yunarmia (l-Armata taż-Żgħażaġħ Russa), li jkomplu jinkorporaw programmi taż-żgħażaġh immexxija mill-istat Russu. Għalhekk, Alina Nikishaeva qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2038.	Igor Valerievich ZHURAVLEV Bir-Russu: Игорь Валерьевич ЖУРАВЛЁВ	Funzjoni: Direttur taç-Ċentru tat-Tfal pan-Russu "Smena" Data tat-twelid: 1972 Post tat-twelid: Krasnozavodsk, Russian Soviet Federative Socialist Republic (RSFSR), USSR Nazjonalità: Russa Sess: Raġel	Igor Zhuravlev huwa d-Direttur taç-Ċentru tat-Tfal pan-Russu "Smena", faċilità marbuta mal-Ministeru għall-Edukazzjoni Russu. Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur, Igor Zhuravlev jimmaniġġa ç-ċentru "Smena", li jospita minorenni Ukreni trasferiti minn territorji okkupati. Iç-ċentru "Smena" huwa parti minn network ikkoordinat mill-istat li jimplimenta programmi li jassimilaw lit-tfal Ukreni u jesponuhom għal indottrinazzjoni ideoloġika, u edukazzjoni militarizzata f'konformità mal-politiki tal-istat Russu. Billi jidderieġi u jissorvelja l-attivitajiet taç-Ċentru tat-Tfal pan-Russu "Smena", Igor Zhuravlev qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jinvolvu d-deportazzjoni jew it-trasferiment sfurzat, l-assimilazzjoni furzata, inkluża l-indottrinazzjoni, jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni minn territorji okkupati tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2039.	Andranik Sarkisovich GASPARYAN Bir-Russu: Андраник Саркисович ГАСПАРЯН	Funzjoni: Kmandant taç- Ċentru għat-Taħriġ u l- Edukazzjoni Militari u Patrijottiçi taż-Żgħażaġħ "Warrior"; Kurunell fil-Forzi Armati Russi Data tat-twelid: 11.9.1983 Post tat-twelid: Leninakan, Armenian SSR, Soviet Union (issa Gyumri, Armenia) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Andranik Gasparyan huwa uffiċjal militari għoli Russu u bħalissa qed iservi bħala Kmandant taç-Ċentru għat-Taħriġ u l-Edukazzjoni Militari u Patrijottiçi taż-Żgħażaġħ "Warrior" u bħala deputat għall-kap tal-Bord Superviżorju taç-Ċentru "Warrior". Iç-Ċentru "Warrior" hija organizzazzjoni taż-żgħażaġh immexxija mill-istat Russu stabbilita fil-Federazzjoni Russa biex tippromwovi l-edukazzjoni patrijottika u militari fost iż-żgħażaġh. Tinvolti struzzjoni militari bi stil kadett, armi u taħriġ tattiku. Hija topera bl-appoġġ tal-President tal-Federazzjoni Russa, li ta struzzjonijiet liç-Ċentru Warrior biex jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-parteciċipanti fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Iç-Ċentru "Warrior" qed iwettaq ukoll attivitajiet fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna, permezz ta' ferġhat lokali. Il-minorenni Ukreni minn territorji okkupati huma allegatament soġġetti għal edukazzjoni militarizzata u taħriġ tal-kadetti. Għalhekk, Andranik Gasparyan qed jimplementa azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni, it-trasferiment furzat, l-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju..

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2040.	Igor VOROBYOV Bir-Russu: Игорь ВОРОБЬЕВ	<p>Funzjoni: Kap tal-fergħa reġjonali ta' Volgograd taċ-Ċentru għat-Taħriġ u l-Edukazzjoni Militari u Patrijottiċi taż-Żgħażaġħ "Warrior", organizzazzjoni Russa marbuta mal-istat;</p> <p>Eks uffiċjal tas-Servizz Penitenzjarju Federali tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Veteran tal-operazzjonijiet tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna (parteċipant voluntier fl-"operazzjoni militari speċjali").</p> <p>Eks Logutenent Kurunell tas-servizz intern.</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Igor Vorobyov huwa l-Kap tal-fergħa lokali ta' Volgograd taċ-Ċentru għat-Taħriġ u l-Edukazzjoni Militari u Patrijottiċi taż-Żgħażaġħ "Warrior". Din hija organizzazzjoni taż-Żgħażaġħ Russa mmexxija mill-istat stabbilita fil-Federazzjoni Russa biex trawwem l-edukazzjoni patrijottika u militari fost iż-żgħażaġh. Tinvolti struzzjoni militari bi stil kadett, armi u taħriġ tattiku. Hija topera bl-appoġġ tal-President tal-Federazzjoni Russa, li ta struzzjonijiet liċ-Ċentru Warrior biex jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-parteċipanti fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Iċ-Ċentru Warrior iwettaq ukoll attivitajiet fit-territorji okkupati illegalment tal-Ukrajna, permezz ta' fergħat lokali.</p> <p>Għalhekk Igor Vorobyov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni, it-trasferiment furzat, l-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2041.	Egor Andreevich LOGUNOV Bir-Russu: Егор Андреевич ЛОГУНОВ	Funzjoni: L-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika dwar iż-Żgħażaġħ" tal-hekk imsejjaħ Ministeru għall-Politika dwar iż-Żgħażaġħ tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia, stabbilit mill-awtoritajiet ta' okkupazzjoni Russi fit-territorju okkupat temporanjament (TOT) tal-Ukrajna. Data tat-twelid: 1988 Nazjonalità: Russa Sess: raġel Indirizz: Melitopol, Zaporizhzhia Region, Interkulturnaya Street 2/2	Egor Logunov huwa l-Ministru għall-Politika dwar iż-Żgħażaġħ tal-hekk imsejjaħ Ministeru għall-Politika dwar iż-Żgħażaġħ tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia stabbilit mill-awtoritajiet ta' okkupazzjoni Russi fit-territorju okkupat temporanjament tal-Ukrajna (TOT tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia). Fil-kapaċità uffċjali tiegħu, Logunov jissorvelja l-implimentazzjoni tal-politika dwar iż-żgħażaġħ fit-TOT tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia, immirat lejn tfal u żgħażaġħ Ukreni bi programmi li jippromwovu l-indottrinazzjoni patrijottika Russa, ir-Russifikazzjoni ideoloġika, u t-tnejjija għas-servizz tal-istat Russu. Dawn l-attivitajiet jiffurmaw parti minn sforz sistematiku għad-deterjorazzjoni tal-identità Ukrena fost iż-żgħażaġħ fit-territorju okkupat. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-ministeru jorganizza u jappoġġa avvenimenti, proġetti u inizjattivi li jinvolvu persunal militari Russu, inkluż "Djalogi ma' Eroj" u programmi oħra ta' edukazzjoni militari patrijottika, u jipparteċipa fit-trasferiment ta' tfal għal avvenimenti u programmi kkontrollati mir-Russja mfassla biex jinċitaw il-lealtà lejn il-Federazzjoni Russa. Għalhekk, Egor Logunov qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju..


	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2042.	<p>Marina Yuryevna SLONCHENKO</p> <p>Bir-Russu: Марина Юрьевна СЛОНЧЕНКО</p>	<p>Funzjoni: Kap tal-hekk imsejjaħ "Dipartiment tal-Affarijiet taħ-Żgħażaġħ tal-Belt ta' Sevastopol"</p> <p>Data tat-twelid: 31.3.1991</p> <p>Post tat-twelid: Sevastopol, Ukraine</p> <p>Nazzjonalità: Russa u Ukrena</p> <p>Sess: mara</p> <p>Indirizz: Lenin Street, Building 2, 299011, Sevastopol, Ukraine</p>	<p>Marina Slonchenko hija l-kap tal-hekk imsejjaħ "Dipartiment tal-Affarijiet taħ-Żgħażaġħ tal-Belt ta' Sevastopol," awtorità eżekuttiva tal-okkupazzjoni stabbilita taħt il-kontroll Russu fit-territorju okkupat temporanjament ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità, hija teżerċita awtorità fuq il-politika dwar iż-żgħażaġħ u programmi soċjali relatati implimentati taħt l-awspiċi tal-amministrazzjoni tal-okkupazzjoni.</p> <p>Bħala kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet taħ-Żgħażaġħ, Marina Slonchenko tidderieġi u tappoġġa programmi u attivitajiet li jippromwovu narrattivi patrijottiċi u ideoloġiċi Russi fost it-tfal u ż-żgħażaġħ fit-territorju okkupat temporanjament, inkluż edukazzjoni patrijottika, kampanji kulturali, u inizjattivi ta' mobilizzazzjoni taħ-żgħażaġħ. Hija tħeġġeġ u tiffaċilita l-involviment taħ-żgħażaġħ f'avvenimenti allinjati mal-okkupazzjoni li jappoġġaw l-"Operazzjoni Militari Speċjali" Russa, inkluż attivitajiet ta' volontarjat bħall-ħolqien ta' xbieki camouflage u provvisti mediċi għall-forzi Russi, u t-tixrid ta' proġetti ta' propaganda bħal segmenti dokumentarji li jigglorifikaw l-isforzi militari Russi.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Permezz tat-tmexxija u l-eżekuzzjoni tagħha tal-politika dwar iż-żgħażaġh f'Sevastopol, Marina Slonchenko qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni, it-trasferiment furzat, l-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
2043.	Natalya Dadadzhonovna SHEVCHUK Bir-Russu: Наталья Дададжоновна ШЕВЧУК	Funzjoni: Direttur tal-Fergħa Reġjonali tal-Organizzazzjoni Statali Pubblika pan-Russa "DOSAAF" tal-belt ta' Sevastopol Direttur tal-Organizzazzjoni Edukattiva Professionali Awtonoma Mhux Kummerċjali "Skola tas-Sewqan tal-Fergħa Reġjonali tal-Organizzazzjoni Statali Pubblika pan-Russa "DOSAAF" tal-belt ta' Sevastopol"	Natalya Shevchuk hija l-kap ta' diversi klabbs u organizzazzjonijiet patrijottiċi militari li joperaw fit-territorju okkupat temporanjament tal-Krimea taħt l-awtoritajiet ta' okkupazzjoni Russi. F'din il-kapaċità, Natalya Shevchuk tiffaċilita l-edukazzjoni mill-ġdid, l-indottrinazzjoni ideoloġika, u l-militarizzazzjoni tat-tfal taħt il-pretest ta' "riabilitazzjoni, rikreazzjoni u edukazzjoni", inkluż programmi preżentati bħala inizjattivi umanitarji jew ta' bini tal-paċi. Hija tippromwovi narrattivi li juru lill-Federazzjoni Russa bħala attur taż-"żamma tal-paċi" u umanitarju, filwaqt li xxerred ideoloġija favur ir-Russja u ddgħajjef l-identità nazzjonali Ukrena fost il-minorenni fit-territorju okkupat. Għalhekk, Natalya Shevchuk qed tappoġġa u timplimenta politiki li jikkontribwixxu għall-indottrinazzjoni u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni minn territorji okkupati tal-Ukrajna.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		<p>Direttur tal-Organizzazzjoni Edukattiva Professjonali Awtonoma Mhux Kummerċjali "Skola tas-Sewqan tal-Fergħa Reġjonali tal-Organizzazzjoni Statali Pubblika pan-Russa "DOSAAF" tal-belt ta' Sevastopol"</p> <p>Direttur tal-Klabb Muniċipali Tekniku u tal-Isport ANCPO tal-Fergħa Reġjonali tal-Organizzazzjoni Pubblika Statali pan-Russa "DOSAAF" tal-belt ta' Sevastopol</p> <p>Direttur taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni Marittima ANO-APE tal-Fergħa Reġjonali tal-Organizzazzjoni Pubblika Statali pan-Russa "DOSAAF" tal-belt ta' Sevastopol</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: mara</p> <p>NIT: 920250977251</p>		

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2044.	<p>Evgeniya Alexandrovna GRICHENKOVA</p> <p>Bir-Russu: ЕВГЕНИЯ Александровна ГРИЧЕНКОВА</p>	<p>Funzjoni: Kap tal-kamp "Korsun" (parti minn Artek)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Evgenia Grichenkova hija l-Kap tal-kamp "Korsun", fergħa taċ-Ċentru Internazzjonali tat-Tfal "Artek", istituzzjoni edukattiva baġitarja tal-istat federali li topera fil-qafas tas-sistema edukattiva pubblika tal-Federazzjoni Russa fit-territorju okkupat temporanjament tal-Krimea.</p> <p>Fil-kapaċità tagħha bħala Kap tal-Kamp "Korsun", Evgenia Grichenkova tmexxi u tissorvelja l-attivitajiet tal-kamp, li jospita minorenni Ukreni trasferiti minn territorji okkupati tal-Ukrajna. Il-kamp "Korsun" jiffirma parti miċ-Ċentru Internazzjonali tat-Tfal "Artek", li huwa integrat f'sistema koordinata mill-istat li timplimenta programmi mmirati lejn l-indottrinazzjoni ideoloġika u r-Russifikazzjoni tat-tfal f'konformità mal-politiki tal-istat Russu.</p> <p>Għalhekk, Evgenia Grichenkova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni, it-trasferiment furzat u l-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni ta' minorenni Ukreni."</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2045.	<p>Dmitriy Evgenievich SHEVCHENKO</p> <p>magħruf ukoll bħala Dmitry Evgenievich SHEVCHENKO</p> <p>Bir-Russu: Дмитрий Евгеньевич ШЕВЧЕНКО</p>	<p>Funzjoni: Direttur tal-Warrior ("Voin") Center;</p> <p>Eks Viċi Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza fil-Luhansk People's Republic</p> <p>Data tat-twelid: 20.2.1984</p> <p>Post tat-twelid: Astrakhan region (Eks RSFSR (issa r-Russja))</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Indirizz: 346780, Rostov Region, Azov, Petrovsky Boulevard, 21/99</p> <p>Numru tal-Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2502069338</p>	<p>Dmitriy Shevchenko huwa d-Direttur tal-"Voin" (Warrior) Centre u eks l-Ewwel Viċi Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza tal-hekk imsejħa Luhansk People's Republic. Iċ-ċentru "Voin" huwa organizzazzjoni taż-żgħażaġh immexxija mill-Istat stabbilita fil-Federazzjoni Russa biex tippromwovi l-edukazzjoni patrijottika u militari fost iż-żgħażaġh. Taħt it-tmexxija ta' Shevchenko, f'April 2025 infetħet fergħa taċ-ċentru f'Luhansk, li tipprovdi taħriġ militari u patrijottiku fuq skala kbira lit-tfal u liż-żgħażaġh, inkluż il-manipulazzjoni tal-armi tan-nar u l-operat tad-droni. Iċ-ċentru jopera f'kooperazzjoni mal-Ministeru Russu għall-Edukazzjoni u jimplimenta programmi addizzjonali għaż-żgħażaġh bħal "Time of Young Heroes."</p> <p>Dmitriy Shevchenko jissorvelja u jippromwovi programmi mmirati lejn it-taħriġ ideoloġiku u paramilitari tal-minorenni. Aktar minn 5,000 tifel u tifla tal-iskola u student ħadu sehem f'dawn l-attivitajiet, li jikkombinaw taħriġ fiżiku u militari ma' messaġġi patrijottiċi favur ir-Russja.</p> <p>Għalhekk, Dmitriy Shevchenko qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-indottrinazzjoni u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2046.	<p>Aleksey Sergeevich ZINCHENKO</p> <p>Alexey Sergeevich ZINCHENKO</p> <p>(bir-Russu: Алексей Сергеевич ЗИНЧЕНКО)</p> <p>bl-Ukren: Олексій Сергійович ЗИНЧЕНКО)</p>	<p>Funzjoni: Kap tal-hekk imsejjaħ State Committee for Youth Policy of the Republic of Crimea (minn Lulju 2022)</p> <p>Membru tal-United Russia Party</p> <p>Data tat-twelid: 24.2.1995</p> <p>Post tat-twelid: Simferopol</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena, Russa</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tat-Taxxa Individwali: 910225574502</p>	<p>Aleksey Zinchenko ilu l-President tal-Kumitat tas-State Committee for Youth Policy of the Republic of Crimea minn Lulju 2022. Bis-saħħa tal-funzjoni tiegħu huwa għandu rwol importanti fl-indottrinazzjoni u l-militarizzazzjoni tal-edukazzjoni fil-Krimea. Huwa wieħed mill-figuri ewlenin li jiffurmaw il-politika Russa mmirata lejn żgħażaġħ tal-Krimea. Huwa wkoll kap tal-proġetti reġjonali "We are together" u "Russia – country of opportunities".</p> <p>Huwa ppromwova ripetutament u organizza b'mod konġunt avvenimenti li jiffukaw fuq l-instillazzjoni ta' "pożizzjoni xierqa taċ-ċittadini" u l-patrijottiżmu fost iż-żgħażaġħ tal-Krimea. Huwa kien u għadu jorganizza "eskursjonijiet patrijottiċi" bejn il-Krimea u t-territorji Ukreni l-oħra okkupati mir-Russja u avvenimenti relatati mal-promozzjoni tan-narrattivi Russi. Huwa kien u għadu jappoġġa b'mod attiv l-attivitajiet organizzati mill-Movement of the First u approva għadd ta' proġetti marbuta ma' attivitajiet patrijottiċi u militari. Taħt it-tmexxija tiegħu, is-State Committee for Youth Policy qed iħeġġeġ liż-żgħażaġħ tal-Krimea jingħaqdu mal-armata Russa u Aleksey Zinchenko nnifsu jfaħħar lis-soldati Russi u lill-armata fuq il-kontijiet personali tan-networks soċjali tiegħu.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Għalhekk, Aleksey Zinchenko jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni. Huwa qiegħed ukoll jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdagħjfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-eljenkar
2047.	Anastasia Pavlovna AKKURATOVA (Bir-Russu: Анастасия Павловна АККУРАТОВА	Funzjoni: Viċi Direttur tad- Department of State Policy in the Field of Children's Rights Protection tal-Ministeru għall-Edukazzjoni tar- Russian Federation; Direttur tal-Federal State Budgetary Institution "Center for the Protection of Children's Rights and Interests" Data tat-twelid: 21.5.1978 Nazjonalità: Russa Sess: mara Numru tat-Taxxa Individwali: 621403768879 Numru tat-telefown: +79142704363	Anastasia Akkuratova hija Viċi Direttur tad-Department of State Policy in the Field of Children's Rights Protection tal-Ministeru għall-Edukazzjoni tar-Russja. Id-Department jissorvelja l-politika tal-istat dwar il-kustodja u l-protezzjoni tal-orfni, inkluż il-ġestjoni tal-bank tad-data federali tat-tfal mingħajr kura tal-ġenituri u l- koordinazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali. Anastasia Akkuratova tipparteċipa f'laqgħat u proċessi amministrattivi biex jiġu adattati l-proċeduri ta' kustodja u reġistrazzjoni biex jiġu legalizzati l-adozzjoni minn familji Russi u r-rilokazzjoni ta' minorenni Ukreni lejn ir-Russja. Anastasia Akkuratova hija involuta fil-koordinazzjoni tad-dokumentazzjoni u l-ġestjoni ta' listi ta' tfal Ukreni maħtufa li ġew rilokati lejn ir- Russja, u l-inklużjoni tagħhom fil-bażi tad-data tal-istat Russu dwar l-orfni u t-tqegħid ma' familji Russi. L-awtoritajiet Russi kkllassifikaw mill-ġdid ħafna tfal Ukreni deportati bħala orfni, aċċelleraw l-adozzjoni tagħhom jew biddlu r-rekords tal-identità. Għalhekk, Anastasia Akkuratova qed timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni u t-trasferiment furzat ta' minorenni Ukreni."	+"

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"688.	<p>All Russian Children's Center "Smena" (Ċentru tat-Tfal pan-Russu "Smena")</p> <p>magħruf ukoll bħala All-Russian Children' s Center "Change"</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>Federal State Budgetary Educational Institution All Russian Children' s Center "Smena"</p> <p>Bir-Russu: Всероссийский детский центр "Смена"</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>ФГБОУ "ВДЦ "Смена"</p>	<p>Indirizz: Russia, 353407, Krasnodar Krai, Anapa Municipality, Sukko village, Territory of VDC "Smena", building 1</p> <p>Tip ta' entità: Istituzzjoni Edukattiva tal-Baġit tal-Istat Federali</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russia</p> <p>Data ta' reġistrazzjoni: 1.6.1985</p>	<p>Iċ-Ċentru tat-Tfal pan-Russu "Smena" huwa faċilità marbuta mal-Ministeru għall-Edukazzjoni tar-Russja, li jospita minorenni Ukreni trasferiti bil-forza minn territorji okkupati, fejn huma soġġetti għal indottrinazzjoni ideoloġika, Russifikazzjoni u edukazzjoni bi stil militarizzat.</p> <p>Iċ-ċentru "Smena" huwa parti minn network koordinat mill-istat li jimplementa programmi li jassimilaw tfal Ukreni u jesponuhom għal indottrinazzjoni ideoloġika, u edukazzjoni militarizzata f'konformità mal-politiki tal-istat Russu.</p> <p>Billi jospita u jopera dawn l-attivitajiet, iċ-ċentru "Smena" qed jappoġġa u jimplementa azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni, it-trasferiment furzat, l-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, ta' minorenni Ukreni.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
689.	<p>Avangard Military Camp (Kamp Militari ta' Avangard)</p> <p>Magħruf ukoll bħala Avangard Military-Patriotic Training Centre</p> <p>Bir-Russu: Военно-патриотический центр "Авангард"</p>	<p>Indirizz: Volgograd Oblast, Russian Federation</p> <p>Tip ta' entità: Faċilità ta' taħriġ militari patrijottiku għall-minorenni marbuta mal-Istat</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russia</p>	<p>Il-Kamp Militari ta' Avangard huwa faċilità marbuta mal-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa li tospita minorenni Ukreni trasferiti minn territorji okkupati tal-Ukrajna. Dawn it-tfal jitqiegħdu f'ambjenti fejn huma esposti għal programmi allinjati mal-politiki tal-istat Russu, inkluż indottrinazzjoni politika u attivitajiet konsistenti ma' oqfsa edukattivi militarizzati u tat-tip kadett, bħat-taħriġ u d-dixxiplina militari.</p> <p>Għalhekk, il-Kamp Militari ta' Avangard qed jappoġġa bil-lat materjali u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għad-deportazzjoni, t-trasferiment furzat u l-assimilazzjoni inkluża l-indottrinazzjoni, ta' minorenni Ukreni minn territorji okkupati tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
690.	<p>Regional Branch of DOSAAF Russia in the City of Sevastopol (Fergħa Reġjonali ta' DOSAAF Russia fil-Belt ta' Sevastopol)</p> <p>Bir-Russu: Региональное отделение ДОСААФ России г. Севастополя</p>	<p>Indirizz: 15 General Ostryakov Avenue, Sevastopol, 299029, Russia / temporarily occupied Crimea</p> <p>(Bir-Russu: д. 15, проспект Генерала Острякова, 299029, г. Севастополь)</p> <p>Tip ta' entità: Faċilità ta' taħriġ militari patrijottiku għall-minorenni marbuta mal-Istat</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Sevastopol, Crimea</p> <p>NIT: 9204010042</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1149204019843</p>	<p>Iċ-Ċentru DOSAAF f'Sevastopol jopera diversi klabbs militari patrijottiċi, inizjattivi edukattivi, u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fit-territorju okkapat temporanjament tal-Ukrajna. Iċ-Ċentru nħoloq direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa u huwa appoġġat minnu.</p> <p>Iċ-Ċentru DOSAAF huwa responsabbli għall-edukazzjoni mill-ġdid, l-indottrinazzjoni ideoloġika u l-militarizzazzjoni tat-tfal permezz ta', fost l-oħrajn, programmi edukattivi li jxerrdu ideoloġija favur ir-Russja u jimminaw l-identità nazzjonali tal-Ukrajna U permezz tal-organizzazzjoni ta' taħriġ militari patrijottiku u tekniku-militari, inkluż programmi tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord u ta' qabel il-lieva biex iż-żgħażaġh fit-territorju okkapat temporanjament tal-Krimea jitħejjew għal servizz futur fil-forzi armati u l-istrutturi affiljati tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għalhekk, iċ-Ċentru DOSAAF qed jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni, inkluża l-indottrinazzjoni jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni mit-territorju okkupati tal-Ukrajna.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
691.	<p>Military-Patriotic Club "Patriot" (Klabb Militari Patrijottiku "Patriot") magħruf ukoll bħala Autonomous Non-Commercial Organization "Military-Patriotic Club "Patriot" magħruf ukoll bħala Ano "Military-Patriotic Club "Patriot"</p>	<p>Indirizz: 297408, Ukraine, temporarily occupied territory of the Republic of Crimea, Yevpatoria, street Vilna, 9</p> <p>Tip ta' entità: Faċilità ta' taħriġ militari patrijottiku għall-minorenni marbuta mal-Istat</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russia</p> <p>NIT: 9110021761</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1179102030326</p>	<p>Il-Klabb Militari Patrijottiku "Patriot" huwa entità li topera fit-territorju okkupat temporanjament tal-Krimea u fil-qafas ta' inizjattivi ta' edukazzjoni militari patrijottika appoġġati mill-istat Russu.</p> <p>Taħt il-pretest ta' programmi umanitarji u ta' bini tal-paċi, l-organizzazzjoni twettaq riedukazzjoni, indottrinazzjoni ideoloġika, u militarizzazzjoni ta' minorenni, filwaqt li xxerred narrattivi li juru lill-Federazzjoni Russa bħala attur taż-żamma tal-paċi" u umanitarju u jdgħajfu l-identità nazzjonali Ukrena.</p> <p>Għalhekk, il-Klabb Militari Patrijottiku "Patriot" qed jappoġġa u jimplementa politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluża l-indottrinazzjoni, jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni minn territorji okkupati tal-Ukrajna."</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
692.	<p>Federal State Public Educational Institution "Nakhimov Naval School of the Order of Honor of the Ministry of Defense of the Russian Federation"</p> <p>Nakhimov Naval School NVMU</p> <p>bir-Russu: Нахимовское военно-морское ордена Почёта училище Министерства обороны Российской Федерации»"</p> <p>magħrufa wkoll bħala Нахимовское военно-морское училище</p> <p>magħrufa wkoll bħala НВМУ</p>	<p>Indirizz: 197046, Russian Federation, St. Petersburg, Petrogradskaya Embankment, 2-4</p> <p>Tip ta' entità: Federal State Public Educational Institution</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 11.6.1996</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1037828008206</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>In-Nakhimov Naval School (NVMU), imwaqqfa u operata mill-Federazzjoni Russa permezz tal-Ministeru għad-Difiża tagħha, hija skola militari u edukattiva li tnejji lill-minorenni għas-servizz militari.</p> <p>Il-fergħat tal-NVMU f'Sevastopol u Mariupol jikkoordinaw mill-qrib l-attivitajiet mal-unitajiet militari Russi u jintegraw u jirreklutaw minorenni Ukreni fi programmi orjentati lejn il-militar, filwaqt li jrawmu l-lealtà lejn ir-Russja. Fil-fergħat ta' Sevastopol u Mariupol tal-NVMU, it-tfal Ukreni jirċievu taġġim tal-lingwa Russa, eżerċizzji militari, taħriġ fl-armi, u indottrinazzjoni ideoloġika, u jesperjenzaw esponiment għall-kultura militari Russa u jipparteċipaw f'avvenimenti li jigglorifikaw l-azzjonijiet militari Russi.</p> <p>Għalhekk, Nakhimov Naval School qed timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, jew l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Sit web: https://nvmu.mil.ru/ Indirizz elettroniku: nvmu@mil.ru Tel.: +7 (812) 232-64-10 Fax: +7 (812) 232-64-10 INN/TIN: 7813054936 KPP: 781301001	PUBLIC	

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
693.	<p>Federal State Budgetary Educational Institution All-Russian Children's Center "Orlyonok"</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>All-Russian Children's Center "Orlyonok"</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>Bir-Russu: Всероссийский детский центр "Орлёнок";</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>Федеральное государственное бюджетное образовательное учреждение "Всероссийский детский центр "Орлёнок";</p> <p>ФГБОУ ВДЦ "Орлёнок"</p>	<p>Indirizz: 352842, Russian Federation, Krasnodar Region, Tuapse</p> <p>Tip ta' entità: Federal State Budgetary Educational Institution</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation</p> <p>Data ta' reġistrazzjoni: 7.7.2000</p> <p>BIN/OGRN: 1022304917095</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation</p>	<p>L-All-Russian Children's Center "Orlyonok" huwa istituzzjoni edukattiva federali mwaqqfa mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-Ministeru għall-Edukazzjoni tar-Russja.</p> <p>Orlyonok jikkoordina programmi mal-awtoritajiet ta' okkupazzjoni u mal-aġenziji federali Russi biex jospita minorenni minn reġjuni Ukreni okkupati. Dawn il-programmi jgħinu biex jikkonsolidaw il-kontroll fuq ir-reġjuni okkupati u jippromwovu n-narrattivi tal-istat Russu. Orlyonok jospita attivitajiet ta' edukazzjoni militari-patrijottika u laqgħat ma' ġellieda, filwaqt li jenfasizza d-dmir, is-servizz u l-allinjament mal-valuri tal-istat Russu.</p> <p>Għalhekk, l-All-Russian Children's Center "Orlyonok" qed jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, ta' minorenni Ukreni.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
		Sit web: https://center-orlyonok.ru ; https://orlyonok.ru Posta elettronika: orlyonok@orlyonok.ru Tel.: +7 86167 91 2 37 Fax.: +7 86167 92 7 08 INN/TIN: 2355004390 KPP: 236501001		

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
694.	<p>Federal State Budgetary Educational Institution "All-Russian Children's Center "Scarlet Sails"</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>All-Russian Children's Center "Scarlet Sails"</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>All-Russian Children's Center "Alye Parusa"</p> <p>(bir-Russu: Федеральное государственное бюджетное образовательное учреждение "Всероссийский детский центр "Алые паруса"</p> <p>magħruf ukoll bħala</p> <p>Всероссийский детский центр "Алые паруса"</p>	<p>Indirizz: 297408, Ukraine, so-called Republic of Crimea, Yevpatoria, Lenin Ave., 23/26</p> <p>Tip ta' entità: Federal State Budgetary Educational Institution</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Ukraine</p> <p>Data ta' reġistrazzjoni: 1.12.2014</p> <p>BIN/OGRN: 1149102101774</p> <p>Post prinċipali tan-negozju: Ukraine</p>	<p>L-All-Russian Children's Center "Scarlet Sails" huwa istituzzjoni edukattiva tal-istat federali taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni tar-Russja, li tinsab fil-Krimea okkupata.</p> <p>Il-programmi tas-Center huma organizzati f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet ta' okkupazzjoni u l-korpi federali Russi. It-tfal Ukreni huma soġġetti għal indottrinazzjoni favur ir-Russja, inkluż avvenimenti patrijottiċi, edukazzjoni ideoloġika, u attivitajiet orjentati lejn il-militar.</p> <p>Għalhekk, l-All-Russian Children's Center "Scarlet Sails" qed jimplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, ta' minorenni Ukreni."</p>	<p>***.</p>

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att emendatorju.

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
		Sit web: https://ap-evp.ru Posta elettronika: endo@ap-evp.ru Tel.: +7 (978) 170-20-72 INN/TIN: 9110005664 KPP: 911001001	PUBLIC	